# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Marzu 2002**

**Numru**

**Citaz.  numru:  2419/98 M1 NA**

**Carmelo Xuereb**

**vs**

**Mary Grace Xuereb**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fit-23 ta' Novembru 1998 fejn ippremetta:

"Illi l-kontendenti kienu kkuntrattaw zwieg f'Malta fl-Ufficcju tar-Registru taz-Zwigijiet fit-30 ta' Settembru 1978 (Dokument "A");

Illi dan iz-zwieg huwa null peress li l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja

mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha ghat-tenur ta' l-Artikolu 19 (1) (d) ta' l-Att taz-Zwieg (Kap. 235 tal-Ligijiet ta' Malta);

Illi z-zwieg huwa null minhabba li l-kunsens tal-kontendenti kien issimulat;

Illi z-zwieg huwa null peress li l-kontendenti taw il-kunsens taghhom bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew iktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi z-zwieg huwa null peress li l-kontendenti rabtu l-kunsens taghhom ghall-istess zwieg ma' kondizzjoni li tirriferi ghall-futur;

TALAB li din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fit-30 ta' Settembru 1979 jigi ddikjarat bhala null u bla ebda effett legali ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu, il-lista tax-xhieda w id-dokument minnu esebit.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta tal-20 ta' Mejju 1999 fejn eccepiet:

1. "Illi hija ma topponix ruhha ghall-pronunzjament ta' l-annullament taz-zwieg taghha purche' li dan isir minhabba nuqqasijiet li jirrigwardaw lill-istess zewgha l-attur, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi ghalhekk hija ma ghandhiex tbati spejjez ta' din il-kawza;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha w il-lista tax-xhieda.

Fis-seduta tat-28 ta' Gunju 1999 il-Qorti nnominat lill-Avukat Dottoressa Deborah Huber biex tigbor il-provi u tirrelata. Ir-

rapport gie pprezentat fis-seduta tal-11 ta' Dicembru u mahluf f'dik tat-12 ta' Dicembru 2000 fejn il-partijiet, tramite d-difensuri taghhom, irrimettew irwiehhom ghall-istess rapport peritali w il-kawza giet differita ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Perit Legali wara li kkunsidrat il-provi mressqa sew permezz ta' affidavits sew *viva voce* quddiemha waslet ghal konkluzzjoni il dan iz-zwieg ghandu jigi ddikjarat null u bla effett.

Il-Qorti tikkondividi dan il-parir moghti mill-Perit Legali. Minkejja li diversi mill-fatti msemmija mill-konvenuta fid-dikjarazzjoni guramentata taghha kienu jkunu ragunijiet legalment sufficjenti biex iwasslu ghal separazzjoni personali u mhux ghall-annullament ta' dan iz-zwieg, hemm fatturi ohra li jaffettwaw il-kunsens ta' l-attur fil-mument taz-zwieg li huma sufficjentement serji biex iwasslu ghal vizzju fil-kunsens tieghu u dana kif stipulat fl-Artikolu 19 (1) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta, il-ligi li tirregola z-zwigijiet civili f'pajjizna.

Jirrizulta nfatti li l-attur kien l-izghar minn sitt itfal. Hutu kienu kollha mizzewgin. Kien ighix ma' ommu u kif stqarret hija stess kien imfissed u kien isib kollox lest. Izzewweg biex jingabar u biex ikollu min jiehu hsiebu wara l-mewt t'ommu u mhux ghax b'xi mod ried jidhol f'dik l-unjoni ta' mhabba u rispett li tikkonsisti fiz-zwieg. Ghalih iz-zwieg kien rifugju u garanzija ghall-futur. Ta' aktar rilevanza pero' huwa l-fatt li l-attur, anke b'ammissjoni tieghu stess, pozittivament eskluda minn qabel iz-zwieg il-possibbilita' li l-koppja jkollhom it-tfal u ghamel minn kollox biex effettivament jirnexxielu f'dan il-hsieb. Din l-eskluzzjoni pozittiva da parti ta' l-attur ghandha tkun ikkonsidrata ghall-fini ta' l-Artikolu 19 (1) (f) ta' l-istess Kapitolu 255 bhala eskluzjoni ta' l-element essenzjali tal-hajja mizzewga. Dan apparti milli, ghar-ragunijiet fuq moghtija, jirrizultaw ukoll elementi sufficjenti biex dan iz-zwieg ikun iddikjarat null in vista tal-vizzju tal-kunsens da parti ta' l-attur a tenur tas-sub-inciz (d) ta' l-Artikolu fuq imsemmi.

Dawn il-konsiderazzjonijiet iwasslu lill-Qorti li tilqa' t-talba attrici u tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fit-30 ta' Settembru 1978 jigi dikjarat bhala null u bla ebda effett legali u dan ghar-ragunijiet pero' imputabbli lill-istess attur.

Ghall-istess ragunijiet l-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jithallsu interament minnu.

Deputat Registratur